

# Kwadru taż-żwieġ mistiku ta' Santa Katarina V.M.

**kitba ta' Mario Fenech**

Wieħed mill-Kwadri li hemm fil-Mużew tal-arti fil-Belt Valletta huwa dak tal-artist Francesco Vecellio li għex bejn is-sena 1475 u s-sena 1560.

Dan l-artist ġej minn familja ta' artisti, fil-fatt ħuh huwa l-artist Titian Vecellio, kellu karriera bħala suldat, negozjant kif ukoll bħala artist magħruf.

Il-kwadru huwa xogħol mill-isbaħ fejn naraw lill-Madonna bilqiegħda bil-bambin Ġesù fuq ħoġorha qiegħda żżommu b'idejha t-tnejn bi drapp abjad li jagħtina derha ta' Safa u Qdusija.

F'idejn il-Bambin Ġesù jidher ċurkett żgħir li qiegħed ipoġġi f'wieħed mis-swaba ta' Santa Katarina li l-figura tagħha narawha fuq in-naħa tal-lemin tat-tila.

Meta l-artist ġie biex ipinġi l-figura tal-Madonna, dan għamel l-almu artistiku kollu tiegħu biex joħroġ espressjoni ta' Serenità u Qdusija liema bħala fuq wiċċha. Aktar minn hekk l-artist qadgħad attent li ma jtellef xejn mis-sbuħija tal-wiċċ, għalkemm pinġa l-velu fuq rasha.

L-istess għamel meta pinġa l-ħlewwa fuq wiċċ il-Bambin Ġesù, iżda meta pinġa l-espressjoni fuq il-wiċċ tal-Qaddisa Verġni u Martri, l-artist għamel biċċa xogħol kbira biex iwassal il-messaġġ propju tas-suġġett.

B'Għajnejha jħarsu l-isfel lejn il-Bambin Ġesù, b'idejha l-leminija qiegħa tirċievi s-simbolu ta' dak li aktar tard kellha tirċievi l-Martirju għalih jiġifieri dak li tagħti kollox lil Ġesù u lil ħadd aktar.

Tant xtaq li joħroġ sew is-suġġett f'din ix-xena l-artist, li l-ilbies tal-Qaddisa pinġieh bid-dettalji kollha tal-bizzilla mill-parti ta' fuq tal-libsa, filwaqt li qagħad attent ukoll fid-dettal tax-xahar immaljat u miġbur madwar ir-ras tagħha.

Fl-isfond ta' dak li jidher fil-kwadru fuq in-naħa ta' wara tal-figura tal-Madonna naraw drapp aħmar li jirrappreżenta t-tron filwaqt li l-isfond ta' wara l-figura ta' Santa Katarina huwa ta' kulur ikħal biex ikompli jagħti aktar Qdusija lil din il-ġrajja.

Fuq in-naħa tax-xellug tal-kwadru fil-parti t'isfel xi ħaġa li ma tantx hija komuni fi kwadri ta' dan l-istess suġġett naraw lil San Ġwann Battista tarbija.

Dan il-kwadru ta' valur artistiku kbir kien ġie misluf lill-Mużew mill-kollezzjoni privata tas-Sur P.F. Bellanti biex imbagħad aktar tard lejn is-sena 1946 il-kwadru kien ġie mixtri mill-istat biex jibqa' fil-mużew.

Xogħol mill-isbaħ li jinsab fost il-ħafna kwadri t'artisti kbar li hemm fil-Mużew tal'Arti fil-Belt Valletta.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.

